KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

**Laqgħa Nru. 30.2016**

Data: Erbgħa 28 ta' Settembru 2016

Ħin: 19.30 p.m.

Post: Bini Amministrattiv tal-Kunsill

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Is-Sur Edwin Vassallo** | **Sindku** |
| **Is-Sur Ivan Bartolo** | **Viċi Sindku** |
| **Is-Sur Alexander Muscat** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Keith Cassar** | **Kunsillier** |
| **Is- Sur James Cassar** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Gianluca Busuttil** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Mark Micallef** | **Kunsillier** |
| **Is-Sa Maria Pia Bonnici** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Joseph Gatt** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Michael Mifsud** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |

**Skużati**

| | |
|---|---|
| **Dott. Rachel Tua** | **Kunsillier** |
| **Dott. Karl John Tanti** | **Kunsillier** |
| **Dott Angele Rapa** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Mario Sammut** | **Kunsillier** |

**Aġenda:**

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 28 u 29
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku
4. Korrispondenza;
5. Ordnijiet tal-ġurnata

- Iffirmar tal-Memoradum of Understanding mal-MCAST
- Memorandum tal-Lift

6. Approvazzjoni

- Skeda ta pagamenti
- Purchase Orders
- Works Orders
- Petty Cash

7. Aġġornament.

Il-laqgħa bdiet 7.50 ta' filgħaxija.

**1. Qari w Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa Nru 28**

Il-minuti tat-tmienja u għoxrin (28) Laqgħa li saret nhar it-Tlieta 23 ta' Awwissu 2016 ġew approvati b'mod unanimament.

**Qari w Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa Nru 29**

Il-minuti tad-disa u għoxrin (29) Laqgħa li saret nhar il-Erbgħa 7 ta' Settembru 2016 ġew approvati b'mod unanimament.

**2. Punti Mqajjma mill-Minuti**

**2.1 Minuta 2.1- PAMA**

Is-Sindku nforma lill membri tal-Kunsill illi nhar il-Ġimgħa 30 ta Settembru 2016 ser issir meeting mad-Diretturi tal-PAMA sabiex jintlaħaq qbil dwar il-proġetti li l-Kunsill talab li għandha issiru lejn il-kommunita'.

Il-Kunsillier Alex Muscat qal li minn naħa tal-PAMA kellha ssir evalwazzjoni tax-xogħol li l-Kunsill talab li jsir sabiex b'hekk jekk ikun hemm qbil ikun jistgħa jiskatta l-proġetti mitluba.

**2.2 Minuta 2.3 Triq Baskal Buhagiar**

Is-Sindku nforma lill-membri li l-ittra ntbagħtet dwar il-proposti tal-Kunsill lir-residenti. Huwa kompla billi nforma lill-membri li ser jitkellem ma Chris dwar jekk kienx hemm xi kummenti mir-residenti ta din it-triq u tal-madwar.

## 2.3 Minuta 2.5

Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill illi l-Kunsill kellu laqgħa mas Sur Simon Grima Ta' Transport Malta dwar Triq il-Kungress Ewkaristiku tingħata wiċċ ġdid ta tarmak liema xogħol huwa previst li jsir direttament minn Transport Malta. Is-Sindku kompla billi qal li jekk ikun hemm xi progress fuq dan ix-xogħol jinforma lill-membri rispettivament.

## 2.4 Referenza Proġett tal-Parking

Is-Sindku nforma lill-membri li aktar tard fil-laqgħa ser jispjega fid-dettal l-andament tal-parking biswit il-binja tal-knisja tal-Mosta.

## 2.5 Minuta 4-Memorandum of Understanding HILA

Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li Memorandum of Understanding mal-HILA kien ġie iffirmat.

## 2.6 Minuta 5 – Memoradum of Understanding GRTU

Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li Memorandum of Understanding mal-GRTU kien ġie iffirmat.

## 2.7 Minuta 6 – Memorandum of Understanding –MCAST

Is-Sindku nforma lill membri li Memorandum of Understanding tal-MCAST qed jiġi evalwat minħabba Artiklu 4 li dan huwa ġnien pubbliku u għandu jibqa jitqies bħala ġnien pubbliku minkejja li ser jaqa taħt ir-responsabbilita tal-MCAST u għaldaqstant għal ebda fini ma jista jkun hemm ħin li fih jingħalaq l-aċċess għal-pubbliku b'mod inġenerali .

## 3.0 Kommunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku qara korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand Perit Chris Grech fuq Triq Franġisku Pisani f'isem il-klijent tiegħu. Il-Kunsill ddeċieda b'mod unanimu li l-klijent għandu jingħata dritt li jagħżel jekk irridx iħalli z-zebra crossing fejn hi jew li jitrasferixxi z-zebra crossing preżenti fis-sit li propona iżda z-zebra crossing tiġi trasferita fejn mhux ser ssir ~~bini.~~ għażliet.

Is-Sindku qal li għandha tinkiteb ittra lill Perit fejn ninfurmawh li l-Kunsill iddeċieda li l-klijent tiegħu jagħżel waħda minn dawn iż-żewġ għażliet u l-ispiża tax-xogħol kollu nvolut tkun għal klijent tiegħu.

## 4.0 Korrispondenza

### 4.1 Korrispondenza Nru 1 – Bank tal-Ħwejjeġ

Is-Sindku qara korrispondenza lil l-Kunsill irċieva rigward installar ta Bank tal-Ħwejjeg. Il-membri tal-Kunsill qablu li l-Kunsill għandhu jiltaqgħa ma NGO għal din l-inizzjattiva.

### 4.2 Korrispondenza Nru 2 – Kors tal First Aid

Is-Sindku ressaq korrispondenza rigward Kors tal-First Aid li ser ssir ġewwa sala tal-Kommunita jibda mill-4 ta' Ottubru 2016 u ser ikun hemm 4 sessions bi ħlas ta 35 Ewro kull persuna.

Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

### 4.3 Korrispondenza Nru 3 – Single yellow line in front of his doorstep

Is-Sindku qara korrispondenza fejn dan l-individwu qed jilmenta li fi Triq Difiża Ċivili kien sar sinjal isfar li sar quddiem ir-residenza tiegħu .

Is-Sindku qal li għandu jmur mal-handyman tal-Kunsill fuq il-post.

### 4.4 Korrispondenza Nru 4 – Pre-Announcement Call IV: Restoration and Embellishment of Wied il-Ghasel, Mosta - A Study on the Environmental and Accessibility Impact of the Valley

Is-Sindku nforma lill-membri li l-applikazzjoni sabiex isir restawr u embellishment ta' Wied il-Għasel ġiet approvata . Għaldaqstant issa ser ssir studju fuq l-*environmental accessibility* impact tal-Wied. Is-Sindku nforma lill-membri li malli jkollu aktar informazzjoni ser jgħaddiha lil membri tal-Kunsill.

### 4.5 Korrispondenza Nru 5 – Kuncert tal-Milied 2016

Is-Sindku nforma lill-membri dwar ittra li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sur Silvan Abdilla sabiex isir kunċert tal-Milied is-Sibt 3 ta' Diċembru b'kollaborazzjoni . Is-Sindku wera li l-fehma li huwa lest li joffri s-sala tal-Kunsill b'xejn ġa la darba dan il-kunċert ser ssir

b'kollaborazzjoni mill-kunsil u jkun parti miċ-ċelebrazzjoni f'dan iż-żmien.

**4.6 Korrispondenza Nru 6 - Suggesting to built wall around two plots**

Is-Sindku nforma lill-membri li rċevejna korrispondenza mingħand residenti sabiex jinbena ċint biswit żewġ artijiet sabiex b'hekk ħadt ma jkun jista jitfa skart u jħammeġ dawn iż-żewġ artijiet . Is-Sindku kompla jgħid li huwa ser jitkellem mal-handyman tal-Kunsill sabiex jkunu identifikati s-sidien ta' dawn l-artijiet u għaldaqstant ikun mitluba għas-spejjes tagħhom jgħalqu l-artijiet rispettivi tagħhom.

**4.7 Korrispondenza Nru 7 - PA 05315/16- Placing of tablesand chairs on a public open space including extension to footpath**

Is-Sindku qara l-oġġezzjoni u l-Kunsill qabel li l-Kunsill ser jibgħat rigward is-suġġett fuq imsemmi. Is-Sindku qal li ser tintbagħat ittra lil Perit sabiex ssir oġġezzjoni. Il-Kunsill qabel unanimament.

**4.8 Korrispondenza Nru 8 - Premju Anzjanità Attiva 2016**

Is-Sindku qara il-korrispondenza tal-Premju Anzjanita' Attiva 2016. li l-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fi ħdan għad-drittijiet tal-Persuni b'Diżabbilita u Anzjanita Attiva li tkun ta jew tat eżempju għal oħrajn f'ħajjitha.

**4.9 Korrispondenza Nru 9 - Proċess ta Impjieg Inizjattiva 11/2016**

Is-Sindku qara korrispondenza li l-Kunsill kien irċieva rigward il-proċess ta' impjieg inizzjattiva 11/2016 fejn intqal l-espressjoni ta' interess li kienet ħarġet rigward l-iskema ta' Impjieg Inklussiv fil-Kommunita', ġejna nfurmati li l-applikazzjoni tagħna daħlet ma' l-ewwel għaxra u għalhekk infurmawna li għaddew l-informazzjoni kollha lil Jobsplus fejn ġejna nfurmati li fil-jiem li gejjin se jibgħatulna l-lista ta' nies eleġibbli għall-interviews. Sa issa Il-Kunsill irċieva biss applikazzjoni waħda.

Huma nformawna li Kunsill hu mitlub jibda bil-proċess tal-interviews kollha, u meta l-Kunsill japprova qbil fuq impjieg, mitlub sabiex jinforma permezz ta' email bl-għażla tal-impjegat li l-kunsill ikun għażel sabiex jinħareġ approvazzjoni għalih minn naħa tad-DLG. Din l-informazzjoni għanda tasal sa mhux aktar tard mil-31

ta' Ottubru 2016. Kemm il-darba l-Kunsill ma jkunx sab persuna eliġibbli irridu ninfurmawhom.

Jekk il-proċedura ma titlestix skond iż-żmien stabilit, il-kunsill jitlef d-dritt u jibdew jissejjħu l-Kunsilli li qegħdin fuq il-lista ta' riserva.

**4.10 Korrispondenza Nru 10 - Norman Galea vs Awtorita ghat Trasport Malta u Kunsill Lokali Mosta Arbitragg Nru M3250/2012**

Is-Sindku qara din il-korrispondenza fejn il-Kunsill qabel li din il-korrispondenza għandha tintbagħat lill-avukat tal-Kunsill sabiex ikun jista itina parir legali fuqha.

**4.11 Korrispondenza Nru 11 - Suggeriment Re Żona Ta' Mlit**

Is-Sindku ressaq fuq il-mejda korrispondenza li l-kunsill irċieva mingħand is-Sur Albert Mc Carthy. Huwa spjega li r-riskju li jgħaddu minnu t-tfal taż-Żona ta Mlit, li jmorru l-Iskola Primarja, jew Sekondarja, meta jiġu biex jaqsmu, Triq L-Indipendenza, Kantuniera ma Triq il-Mitħna, iżjed u iżjed, għax l-eqreb "Light Controlled Pedestrian Crossing" jinstabu 150 metru bogħod, ħdejn il-Convenience Store. Min-naħa l-oħra, din tinstab il-fuq minn 200 metru bogħod, l'hemm mill-istage Mlit.

Vjal Indipendenza u Triq il-Mitħna, hija d-daħla prinċipali li mill-Belt eċċ. tgħaddi għal Ta Qali, Rabat jew viċi versa. Hija wkoll l-unika ħruġ għal-Belt, li tiġi miż-Żona ta Mlit (fejn jgħixu l-fuq minn 3000 ruħ). Minn-naħa l-oħra t-traffiku ħiereġ minn Triq Manwel Callus, direzzjoni Ta Qali jew Rabat - huwa veru perikoluż.

Għalhekk, tip ta, " *Integrated Area Light Controlled Traffic Management System"* tkun ideali, iżjed issa meta Transport Malta, qed jintroduċu systemi godda ta Traffic Lights, ma Malta kollha.

Il-Kunsill jaqbel li f'din it-triq isiru dawn it-traffic lights.

**5.00 Ordnijiet tal-ġurnata**

- **5.1 Iffirmar tal-Memoradum of Understanding mal-MCAST**

Is-Sindku nforma lill-membri illi ser ikun qed jibgħatilhom kopja tal-Memorandum of Understanding tal-MCAST sabiex ikunu jistgħu

jarawh u jibgħatu lura jekk jaqblux kif inhu jew trid tiżdiedx xi ħaġa oħra. Biex b'hekk meta jiġi approvat mill-membri kollha tal-Kunsill inkunu nistgħu mmexxu għall-iffirmar tiegħu.

- **5.2 Memorandum tal-Lift**

  Is-Sindku nforma lill-membri illi ser ikun qed jibgħatilhom kopja tal Memorandum of Understanding tal-Lift sabiex ikunu jistgħu jarawh u jghidulna jekk jaqblux kif inhu jew trid tiżdiedx xi haga oħra. Biex b'hekk jekk jiġi approvat mill-membri kollha tal-Kunsill inkunu nistgħu mmexxu għall-iffirmar tiegħu.

## 6.0 Approvazzjoni

**Skeda ta' pagamenti**

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

**Purchase Orders**

Il-purchase orders ġew diskussi u approvati unanimament.

**Works Orders**

Il-works orders ġew diskussi u approvati unanimament.

**Petty Cash**

Il-petty cash ġew diskussi u approvati unanimament.

- Is-Sindku talab lill-membri jekk għandhomx oġġezzjoni sabiex jitkellem dwar il-underground parking fil-Mosta hekk kif ikun proponut oriġinalment mill-Kunsill u mbagħad ingħata lill-Gvern Ċentrali. Il-membri tal-Kunsill ma sibux oġġezzjoni.

  Is-Sindku beda billi qal li unanimament il-kunsilliera kollha jaqblu li soluzzjoni għal-problema tan-nuqqas ta spazji qegħda tikber ta kuljum għar-residenti u din tista biss tiġi riżolta permezz ta parkeġġ ġewwa l-Mosta.

  Huwa qal li l-Kunsill laqa din l-inizzjattiva sabiex jinbena parkeġġ biswit l-Knisja. Huwa rrimarka li dan għadu fi stat bikri ta ħsieb u konsultazzjoni mhux kif ġie diskuss.

a. Huwa jixtieq li jirrimarka li wieħed jifhem li għalkemm fil-ġurnali dehru visuals u ngħatat indikazzjoni ta' kif jista jidher dan il-proġett sa issa ma hemm l-ebda proposta u pjan finali fuq dan il-parkeġġ. Huwa sostna li hemm misinterpretazzjoni u Projects Malta ħadmet mal-Kunsill Lokali tal-Mosta u wara proċess ta' konsultazzjoni pubblika ħarġet kriterji */specifications* li jikkundizzjonaw dan il-proġett. Huwa ċar li ma l-iċken dubju jew suspett li jista' jkun hemm xi periklu għall-binja tal-knisja, l-proġett ikun imwaqqaf.

b. Skond il-kriterji maħruġa bl-ebda mod ma jista jsir tħaffir għal underground parking taħt il-kanierja u taħt il-binja tal-knisja.

c. Projects Malta wara konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali tal-Mosta qed toffri 4 siti fiċ-ċentru tal-Mosta, li huma ugwalment disponibbli għal kuntratturi li fihom jista jippjanaw il-binja tal-underground parking. Ma hemm l-ebda kundizzjoni li titlob li dan il-proġett irrid issir bilfors unikament wara jew ħdejn il-knisja. Għalhekk il-Kunsill qed jagħmilha ċara li f'dan l-istadju hemm offruti erba siti alternattivi.

d. L-iskop għal dan il-proġett hu, li filwaqt li mingħajr ma jinħoloq l-iċken periklu għal-binja tal-knisja, jipprovdi

- Spazju alternattiv għall-parking fiċ-Ċentru tal-Mosta.
- Inaqqas mill-konġestjoni tat-traffiku li fil-preżent teżisti għal min ikun qed isuq u qed jaħli ħafna ħin idur fit-toroq biex isib post għall-parking, u b'hekk jitnaqqsu ukoll id-dħaħen tat-traffiku.
- Iż-żona li llum hija maħnuqa mill-vetturi bħala parking area ser tkun mibdula f'żona pedonali.
- Ikollna flow tat-traffiku aħjar milli għandna llum.
- Tinstab soluzjoni għal problema tal-coaches tat-turisti.

1. Il-Kunsill qed jaħdem fuq din il-proposta ta' underground parking fiċ-ċentru tal-Mosta biex il-quddiem jara lir-residenti fil-Mosta jkollhom prijorita' għall-parking tal-vetturi tagħhom fuq dawk il-persuni li jiġu bil-vetturi tagħhom iżuru l-Mosta għall-fini ta' kummerċ, jew biex jinqdew mill-klinika tal-Gvern jew għaliex jaħdmu fil-Mosta.

Il-kunsillier Karl Tanti issuġerixxa li għandha ssir Press Conference sabiex ir-residenti Mostin ma jibqgħux jkunu żgwidati fuq dan il-proġett u għaldaqstant dik il-biża qed titrawwem fost ir-residenti minħabba danni tal-Binja tal-Knisja Rotunda tkun riżolta. Is-Sindku qal li Projects Malta qegħdin jagħmlu studju neċessarju kollu sabiex jaraw li ma jsir l-ebda dannu fuq il-binja tal-knisja. Is-Sindku spjega li fl-ebda mument ta konsultazzjoni ma ntqal li l-parkeġġ ser ssir taħt il-binja tal-Knisja iżda dan ser issir biswit il-binja tal-knisja.

Il-Kunsillier Alex Muscat qabel ma dak li qal u spjega fid-dettall il-miżuri kollha li qed jittieħdu. Is-Sindku qal li biex hu kif wkoll il-membri żgur mhux ħa jaqblu mal-ebda proġett jekk ikollna nitfa ħjiel ta danni fuq il-binja tal-Knisja. Il-membri tal-Kunsill qablu unaimament ma dak kollu diskuss u l-Kunsill iddeċieda jagħmel Press Conference fuq dan kollu.

## 7.0 Aġġornament

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-nhar **il-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2016.**

Laqgħa spiċċat fl-għaxra ta filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Edwin Vassallo | Michael Mifsud |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Data: 26/10/2016